Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2012

Talba Numru. 341/2010

Raymond Buttigieg (KI numru 443070M)

Vs

Roderick Farrugia (KI numru 229578M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur qed jitlob il-hlas tas-somma ta' elf, disa mija u tnejn u sebghin ewro (€1,972), rapprezentanti hlas ghal danni li huwa sofra fil-vettura (xarabank) tieghu targata DBY, tlieta, wiehed, tnejn (312) minhabba negligenza da parti tal-konvenut peress illi dakinhar tal-incident ipparkegga l-vettura tieghu targata IAB wiehed, zero, sebgha, (107) gewwa Triq Santa Tereza, Bormla, b'mod negligenti per konsegwenza ta' liema l-attur sofra d-danni pretizi. Illi nonostante li l-konvenut gie interpellat bonarjament sabiex jersaq ghall-hlas tad-danni permezz ta' ittra legali datata 11 ta'

Dicembru 2009, huwa baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni. Bl-ispejjes ta’ din il-kawza, inkluz tal-ittra legali datata 11 ta’ Dicembru 2009 u bl-imghax dekorribbli mid-data ta’ meta l-konvenut gie interpellat b’tali ittra sal-pagament effettiv, kif ukoll bl-ispejjes tal-mandat kawtelatorju in konnessjoni ma din il-kawza.

Ra r-risposta tal-konvenut li ecepixxa illi t-talba attrici ghandha tigi michuda stante 1. t-Tribunal m’ghandux kompetenza peress li tali azzjoni kellha ssir quddiem arbitragg kif stipulat mill-ligi; 2. fil-mertu u bla pregudizzju l-incident stradali (kollizjoni) mertu tal-kawza saret minhabba htijiet imputabbli lill-attur; 3. bl-ispejjes.

Ra l-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Gunju 2010 fejn din il-kawza giet differita ghal sentenza in parte dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut.

Ra d-dokumenti esebiti.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukat difensur tal-attur.

**Ikkunsidra.**

Illi l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut hija dik li tirrigwarda n-nuqqas ta’ kompetenza ta’ dan it-Tribunal.

Illi minkejja li nghata diversi opportunitajiet sabiex jaghmel hekk, il-konvenut naqas ghal kollox milli jipproduci xi provi in sostenn tal-eccezzjoni tieghu, u ma saru l-ebda sottomissjonijiet minn-naha tieghu in sostenn ta’ tali eccezzjoni.

Illi dan it-Tribunal, wara li ha konjizzjoni tal-provi prodotti mill-attur, u wara li sema t-trattazzjoni u sottomissjonijiet maghmula mid-difensur tal-attur, jidhirlu illi l-eccezzjoni tal-konvenut m’ghandhiex tintlaqa.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jichad l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut u jordna l-

prosegwiment tal-kawza fil-mertu. L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------